**Minuti tal-Laqgħa Nru 38 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret, il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fit-7.30 p.m.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr P. Chetcuti Caruana | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.00 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.20 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.40 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.40 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Paul Agius | 7.00 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.40 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | 7.15 p.m. | 10.00 p.m. |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

## 1.00 Sospensjoni tar-Regolamenti

1.01 Qabel ma il-laqgħa bdiet tiddiskuti l-Agenda, is-Sindku, Dr Paul Chetcuti Caruana, talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex jagħmel stqarrija. Ġie approvat unanimament li ssir din is-sospensjoni.

Is-Sindku qal li xtaq jiddikjara li billi s-Segretarju Eżekuttiv kien indispost kemm il-laqgħa tal-Kunsill li kien ippjanat li ssir fil-11 ta' Frar 2010 u kemm il-laqgħa annwali Pubblika li kellha ssir fil-25 ta' Frar 2010 kienu ġew differiti kif mitlub mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli.

1.02 Huwa qal ukoll li wara li huwa (is-Sindku) kien talab laqgħa mal-Prim Ministru, huwa (is- Sindku) kellu laqgħa mad-Direttur is-Sur Natalino Attard. Għall din il-laqgħa kien preżenti ukoll is-segretarju personali tiegħu is-Sur Joe Cristina. Kienet laqgħa kordjali ħafna. Huwa żied jgħid li issa f'daqqa waħda kien irċieva ittra mingħand il-Prim Ministru li xejn ma tirrifletti dak li ntqal fil-laqgħa li huwa kellu mad-Direttur.

F'dan l-istadju is-Segretarju Eżekuttiv qal li dak inhar (18 ta' Marzu) kien irċieva kopja ta' din l-ittra u li kellu struzzjonijiet bit-telefon kemm mid-Dipartiment kif ukoll mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru sabiex iqassam kopja ta' din l-ittra lill-Kunsilliera kollha u li din tinqara waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qassam kopja ta' din l-ittra filwaqt li s-Sindku qara l-ittra. L-ittra (kopja annessa ma dawn il-minuti) kienet tgħid li b'referenza għall-estensjoni tal-Avviż Formali ta' 4 ta' Mejju 2009 u li kien ġie mġedded l-aħħar fit-3 ta' Novembru 2009 u wara li kien ser monitoraġġ tal-Kunsill Lokali tal-Mosta kien ġie innotat li mhux talli l-Kunsill ma rregolarizzax ruħu iżda talli kompla miexi bl-istess attitudni u ksur tal-liġi tal-Kunsilli. L-ittra ssemmi diversi nuqqasijiet u għalhekk kienet qed tingħata l-aħħar opportunita li l-Kunsill jirregola ruħu waqt li kien ser jibqa jiġi immonitorjat kontinwament u li jekk il-Kunsill jibqa miexi fit-triq li qabad, ma jkunx fadal għażla

oħra ħlief li jiġi xolt il-Kunsill Lokali tal-Mosta qabel iż-żmien skont l-artiklu 22 tal-ATT dwar il-Kunsilli Lokali.

Il-Kunsillier is-Sur Mario Sammut ikkummenta li dan kien ġenn u min kiteb l-ittra kien buffu jew ma jafx x'qed jgħid.

Is-Sindku qal li kien qed jirriserva d-dritt li jirrispondi. Talab ukoll li l-avukat tal-Kunsill jiteb għall-kopja tar-rapport tad-Direttur u tal-Monitoring bord. Ħadd ma oġġezzjona li dan isir u is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill-avukat f'dan is-sens.

## 2.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 36

2.01 Is-Sindku qal li huwa kellu lista ta' korrezzjonijiet għall-laqgħa Nru 36 (kopja annessa). Dwar il-korezzjoni ta' item 4.00 li s-Sindku talab li tiġi inkluża mal-minuti s-Segretarju Eżekuttiv ipprotesta għaliex qal li ma ma kienx veru li huwa kien irċieva l-ittra imsemmija ġurnata qabel il-laqgħa tal-Kunsill għaliex fil-fatt din kien irċevija fl-4.00 ta' wara nofsinhar dak inhar stess tal-laqgħa u għalhekk huwa ippreżenta din l-ittra fil-laqgħa aktard tard filgħaxija. Id-Sindku irrisponda li jista jkun li huwa kien nesa.

Ġew aċċettati l-korrezzjonijiet kif jidhru fil-lista li ippreżenta s-Sindku.

2.02 Il-Kunsillier Chris Grech talab korrezzjoni fis-sens li kien huwa li tkellem fuq items 5.01 sa 5.04 u biex f'item 5.01 jinbidlu l-akronomi CPPS u jsiru CPPU minflok.

## 3.00 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 37

3.01 Is-Sindku ippreżenta lista oħra ta' korrezzjonijiet għal-laqgħa No 37 (kopja annessa).

3.02 Sur Joe Demartino talab korrezzjoni f'paragrafu 6.03 billi jitneħħew il-kliem "u sewwa għamel".

Is-Sur Demartino talab ukoll li jiddaħħlu l-kliem " ta' resurfacing ta' toroq" wara il-kelma "xogħol" fl-ewwel sentenza tat-tieni paragrafu tal-item 3.09.

3.03 Ġew approvati dawn il-korrezzjonijiet.

## 4.00 Tagħrif mill-minuti Laqgħa No 36

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kuntrattur tal-ġbir ta' skart domestiku kien aċċetta żieda ta' 7% fuq il-kontijiet wara li dan ġie informat bid-deċiżjoni tal-Kunsoill mill-Kunsillier Paul Agius u fil-fatt il-kontijiet issa qed jirriflettu din iż-żjieda.

## 5.00 Tagħrif mill-minuti Laqgħa No 37

5.01 Dwar it-talba lill MEPA minn Stanley Mangion sabiex jitwaqqaf monument fi Triq Burmarrad , is-Segretarju Eżekuttiv qal li issa kien jidher li din it-talba inbidlet u l-post għal dan il-monument qed jintalab li jkun fi Triq il-Kurat Schembri. Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lill Mepa u joġġezzjona għal dan billi il-Kunsill ma ġiex ikkonsultat.

5.02 Dwar item 3.11 is-Sur Mario Sammut u s-Sindku infurmaw lill Kunsill li kienet saret laqgħa ma' Anna Grech tal-Youth Empowerment Centre . Ġie approvat li s-Sinjura Anna Grech tiġi infurmata li s-somma totali għal Youth Empowerment Centre inkluż kumpens lilha, ivvotata fil-budget kienet ta' €8,000 – u hija għandha taħdem f'dawn il-parametri.

5.03 Is-Sindku informa ukoll li kien iltaqa ma Graham Woodhall li għandu proġett tal-arti u li jixtieq jinvolvi kemm lill-Kunsill tal-Mosta kif ukoll lid-diiversi għaqdiet tal-Mosta. Il-Kunsill approva li jiġu ivvotati €250 għall-parterċipazzjoni tal-Kunsill f'dan il-proġett.

## 6.0 Korrispondenza

6.01 Is-Segretarju ippreżenta lista ta 43 item taħt din l-agenda item, iżda billi l-ħin kien qed jagħfas ġie deċiż li jiġu trattati l-items l-aktar urġenti biss.

6.02 Is-Segretarju qal illi kellu urġenza li tiġi approvata 'Note Verbal' dwar applikazzjoni tal- Unjoni Ewropeja (kopja annessa). Ġie approvat fil-prinċipju li ssir din l-applikazzjoni skont din in ' Note Verbale' għall-proġett bl-isem 'Archaeotur' taħt is-sejħa Interreg IV Assi I bil-Kunsill Lokali Mosta bħala project leader flimkien ma partners oħra li huma: Heritage Malta, Comune di Ragusa, Rabat Local Council, Soprintendenza di Ragusa, Malta Tourism Authority, Comune si Santa Croce u Giri Travel srl.

Dan in 'Note Verbale' ġie approvat unanimament u ġie iffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

6.03 Inqrat ittra (Nru 29) tat-TCTC fejn dawn talbu li jużaw il-faċilitajiet tal-Kunsill sabiex ikunu jistgħu jgħatu lezzjonijiet tal-komputer bħala parti mil-Kuntratt li huma għandhom mal-Gvern Centrali.

Il-Kunsill qabel b'dawn il-kundizzjonijiet:

a) TCTC jagħmel il-korsijiet kemm tat-tfal kif ukoll ta' l-adulti li soltu jsiru fil-Mosta b'xejn u ma jħallasx €1,000 li soltu jħallas.
b) Jħallas lill-Kunsill is-somma ta' €2,000 b'kumpens għas-servizzi tad-dawl (li jinkludu air condition), ilma u tindif u handyman.
c) Il-post jitħalla vojt nhar ta' Ħamis billi din hi l-ġurnata li normalment isiru l-laqgħat tal-Kunsill.

6.04 Inqrat ittra tal-Enemalta dwar Triq Durumblat fejn qed jitolbu permess ta' zebra crossing, parkeġġ u bankina. Il-Kunsill ġie mgħarraf mis-Segretarju Eżekuttiv li din il-proposta ser tiġi diskussa mit-TM fil-Bord tat-Toroq, filwaqt li huwa kellu meeting mat-TM fejn wassal il-kundizzjonijiet tal-Kunsill għal din it-talba li huma:

a) Li ssir bankina matul it-triq minn Flower Power sar-roundabout ta' H'Attard.
b) Liż-zebra crossing irrid jkun bid-dawl u press button
c) Li jsir survey tat-triq kollha a spejjes tal-Enemalta u
d) Li l-Enemalta jwaħħlu sinjali tat-traffiku ' no parking' matul din l-parti tat-triq a spejjes tagħhom.

6.05 Ittri mingħand is-Soċjetajiet Nicolo Isouard , 15 ta' Awwissu, Grupp Organizattiv u Każin Santa Marija sabiex jintramaw siġġijiet fil-pjazza għal waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Sar qbil dwar dan

u ġie inkarigat il-Kunsillier Chris Grech sabiex jieħu ħsieb jorganizza dan b'dawn il-kundizzjonijiet:

a) Issir pjanta u jingħataw il-pożizzjoni u mumru ta' siġġijiet li jintramaw minn kull soċjeta.
b) Isir ftehim bejniethom sabiex il-prezz mitlub għall użu tas-siġġijiet jkun l-istess.
c) Jiġi speċifikat il-ħin tal-armar u żarmar tas-siġġijiet.
d) Jiġu avżati l-awtoritajiet tal-Pulizija
e) Issir assessment ta' kif marru l-affarijiet wara din l-okkażżjoni sabiex tittieħed deċiżjoni għas-snin ta' wara.

**7.0 Laqgħa Annwali tal-Komunita tal-Mosta**

7.01 Il-Kunsill ġie infurmat li fil-laqgħa annwali tal-Komunita li saret fil-11 ta' Marzu 2010 ġew approvati l-Budget għas-sena 2010 u l-Business Plan għat-tliet snin li ġejjin u tqassmu kopji ta' dawn iż-żewġ dokumenti lill-pubbliku preżenti li kienu jammontaw għal 22 resident. Ma' kienx hemm ilmenti x'jitressqu lill-Kunsill għajr li saret diskussjoni dwar bring in sites u bżonn ta' koperazzjoni bejn il-Kunsilliera kollha għall ġid tal-Mosta.

**8.00 Sekwestru (aġġornament)**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li is-sekwestru mill Tal-General Co Ltd ma ġiex aċċettat mill-Qorti iżda kien hemm problema billi l-flus tal-Kunsill ġew trasferiti lill-Qorti mill-APS Bank u kien ser ikun hemm dewmien konsiderevoli sabiex dawn jiġu trasferiti lura minħabba proċeduri tal-Qorti. L-avukat tal-Kunsill Dr. Joe Mifsud kien qed jieħu ħsieb il-proċeduri legali neċessarji sabiex dan iseħħ.

Ġie deċiż li l-APS Bank jiġi miltub jirrifondi l-ispejjes konnessi ma din it-transazzjoni ta' flus billi dan il-bank ma kienx stenna l-eżitu tal-kawża tal-Qorti qabel sar it-trasferiment.
Ġie approvat ukoll li l-Kunsill jerġa jibda juża lill-Bank of Valletta bħala l-bank ewlieni tiegħu billi jerġa jagħmel użu mil-kontijiet kurrenti u savings li l-Kunsill diġa għandu ma dan il-bank.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jgħamel l-arranġamenti meħtieġa u jikteb ukoll lill-APS bid-deċiżjoni tal-Kunsill.

8.02 Ġie approvat ukoll li Dr. William Cuschieri jiġi inkarigat sabiex jgħin lill Dr Joe Mifsud fit-trattazjoni tal-arbitraġġ bejn tal-General Co Ltd u l-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dan l-avukat Cuschieri jitħallas ta' xogħlu apparti l-ħlas miftiehem fil-kuntratt ta' Dr. Mifsud.

**9.00 Agenda item "Attivitajiet għall-Kunsilliera"**

Din l-agenda item ma ġietx diskussa.

**10.00** Saret Sospensjoni ta' Regolamenti sabiex residenti preżenti waqt il-laqgħa jkunu jistgħu jindirizzaw lill-membri tal-Kunsill dwar problemi relatati mal-bring-in-sites.

10.01 Tkellem is-Sur Patrick Grixti dawr il-bring-in-sites ta' Triq id-Dawr. Huwa qal li dawn ġew impoġġija fil-pożizzjoni preżenti wara ilmenti ta' residenti ta' fejn kienu tpoġġew darbtejn oħra qabel. Huwa qal li dawn qed joħolqu inkonvenjent għar-residenti minħabba skart li jitpoġġa ħdejn dawn il-kontenituri u qed jieħdu post parking ta' karozzi tar-residenti.

Il-Kunsillier responsabbli mill-iskart domestiku is-Sur Paul Agius qal li skont regolamenti tal-EU irid jkun hemm bring-in-site għal kull 400 resident tal-lokal u ma jistax ikun li filwaqt li kullħadd irrid dan is-servizz, ħadd ma jrid li dawn jitpoġġew wara biebu. Huwa qal li huwa personalment kien jagħmel superviżjoni ta' dawn il-bring-in-sites anke fil-4.00 ta' filgħodu.

Jidher, iżda, li r-residenti qed ipoġġu kaxex biż-żibel jew apposta jew sforz l-injoranza. Huwa sostna li qed isiru oġġezzjonijiet għall kull fejn jitpoġġew dawn il-bring-in-sites u dan mhux iżjed tollerabbli. Kull darba qed ikollhom jitneħħew minn post għall-ieħor minħabba ilmenti tar-residenti.

Is-Sur Patrick Grixti issuġerixxa li f'dan il-każ ta' Triq id-Dawr dawn jitpoġġew ħdejn il-kwartieri tal-Girl Guides. Is-Sur Paul Agius qal li ser jikkonsidera dan is-suġġeriment.

Il-Kunsilliera Shirley Farrugia ukoll ressqet l-ilmenti tagħha dwar il-bring-in-sites tal-area tal-Blata l-Għolja u staqsiet kemm dawn qegħdin skont id-distanza legali mir-residenzi tan-nies. Hija wkoll issuġġeriet post ieħor fejn dawn għandhom jitpoġġew.

Saru diskorsi mqanqla mill-Kunsillier Paul Agius dawr dawn l-ilmenti u Dr Shirley Farrugia ipprotestat għall-għajjat li sar mill-Kunsillier Agius fil-konfront tagħha.

Is-Sur Paul Agius qal li kien ser jiddiskuti l-kwistjoni kollha mal-uffiċċjal responsabbli mill-Green MT is-Sur Joe Attard u jirraporta lura lill-Kunsill.

**11.00 Materji Oħra**

11.01 Il-Kunsill ġie infurmat li kienu ser isiru tlett applikazzjonijiet oħra għall-fondi mill-Ewropa barra dik tal-Arkeotur. Dawn huma:

1. "Eco Museo" flimkien mal-MCAST, Comune di Ragusa, Kunsill Lokali Naxxar u l-universita ta' Ragusa.
2. Riabilitazzjoni tan-Nuclear Xelter taħt Ġnien l-Għarusa tal-Mosta
3. Ħolqien ta' tliet Tourist Trails fil-Mosta sabiex jiżdied it-turiżmu u l-kummerċ fil-Mosta.

Sar qbil fil-prinċipju li dawn l-applikazzjonijiet isiru.

11.02 Il-Viċi Sindku Josette Agius Decelis talbet approvazzjoni għall-ċerimonja tal-għoti taċ-ċertifikati tal-komponimenti dwar il-Milied mit-tfal tal-iskejjel. Ġie approvat li jintefqu sa mhux aktar minn €350 f'catering u bibita għal wara iċ-ċerimonja li ser issir nhar il-Ħamis 25 ta' Marzu fis-Sala tal-Kunsill.

11.03 Is-Segretarju informa li kien irċieva pagament ta' €69,881 mid-Dipartiment tar-Riżorsi u Infrastruttura għall-Proġett ta' Pjazza Rotunda. Dawn tpoġġew fil-Bank of Valletta pendenti l-eżitu tal-arbitraġġ bejn tal-General Co Ltd u l-Kunsill.

11.04 Is-Segretarju fakkar wkoll li qed jirrikorru l-interessi sfuq il-bilanċ dovut kont ftehim bejn il-Kunsill u l-kuntratturi tal-proġett ta' Mlit. Il-Kunsill kien għadu ma rċeviex l-ħlasijiet kollha mid-Dipartiment ikkonċernat għaliex dawn il-pagamenti huma skedati fuq numru tas-snin.

11.05 Is-Sindku qajjem il-każ ta' użu tat-telefon tal-Kunsill għall fuq numri tal-mobile. Is-Sindku talab li jiġi approvat li l-Kunsilliera jkunu jistgħu jagħmlu użu mit-telephone tal-Kunsill sabiex iċemplu għall fuq numri tal-mobile.

Il-Kunsillier Mario Sammuit wera kont tal-mobile tiegħu u qal li għal dawn it-telefonati huwa kellu bżonn jagħmel użu mit-telephone tal-Kunsill u mhux bil-mobile personali tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv oġġezzjona għal dan billi l-liġi tal-kunsill ma kienetx tippermetti dan. Huwa fakkar ukoll li l-Kunsilliera kollha issa kienu qed jirċievu allowance ta' €1200 fis-sena biex tgħamel tajjeb għal dawn l-ispejjes. Huwa qal li jekk il-Kunsill japprova dawn it-telefonati isiru mill-Kunsill tkun qed tinkiser il-liġi u huwa ma setax japprova dan.

Is-Segretarju Eżekuttiv intalab jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli dwar dan u jirreferi lura lill-Kunsill.

Il-laqgħa spiċċat fl-10.00 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Laqgha Nru.38 tal-Hamis 18 ta' Marzu 2010

Korrezzjomijiet tal-minuti tal-laqgha Nr. 36 tal-21 ta' Jannar 2010

Tigi nkluza item 4.00

Is-Segretarju Ezekuttiv dak il-hin ipprezenta ittra lis-Sindku bid-data tal-15 ta' Jannar 2010 mibghuta mid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn il-Kunsill gie nfurmat li wara li d-dipartiment investiga l-allegazzjonijiet dwar l-ingagg ta' l-iskrivani, il-Kunsill nghata struzzjonijiet sabiex jigi tterminat il-process kollu b'effett immedjat.
Is-Sindku qal lis-Segretarju " din ma ghidlix biha" u s-Segretarju Ezekuttiv qallu li huwa rcieva l-ittra l-bierah u b'mod xejn prudenti zied jghidlu " li kieku gejt kont naghtijielek". Hawnhekk is-Sindku gibed l-attenzjoni tal-monitoring unit prezenti fejn qallhom sabiex jiehdu nota ghal mod kif is-Segretarju Ezekuttiv qed igib ruhau mieghu.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien bi hsiebu jwiegeb din l-ittra ghax ma jistax jifhem x'investigazzjoni saret meta l-partijiet kollha nvoluti ma nghatawx l-opportunita` jaghtu l-verzjoni taghhom.

Jigu nkluzi:

1. Ittra minghand sewwieq ta' karozza fejn talab kumpens dwar hsara minhabba xi hofor fit-triq.
2. Talba minhabba short crcuit ta' bozza tat-triq mal faccata taghha bi spiza ta' €140.

Item 5.00
Wara l-kliem ' item 9 Memo 90/2009' irid jitnizzel 'dwar..........' (x'kien dak l-item)

Item 5.07
Wara l-kliem '........Memo 12/2010' jizdied il-kliem 'dwar............(x'kien dak l-item)

Item 5.09
Wara l-kliem '........Memo 90/2009' jizdied il-kliem 'dwar..............(x'kien dak l-item)

7.0 Finanzi
7.01

1. Wara c-cifra ta' €115,166.12 jizdied il-kliem '....lista mhemuza' (u tinthemez il-lista)
2. Wara c-cifra ta' €31,692.31 jizdied il-kliem '.....lista mhemuza' (u tinthemez il-lista)

8.01
Wara l-kliem '..........it-talba ghall-kwotazzjonijiet' jizdied dan li gej:
' peress li din kienet taghlaq f'Jannar mhux fi Frar, u ghalhekk ma ngharawx zmien bizzejjed'.
Wara l-kliem ' Gie deciz li terga tinhareg it-talba ghall-kwotazzjonijiet mill-gdid' jizdied il-kliem 'bid-data ta' l-gheluq ? ta' Frar 2010.

Laqgha Nru.38 il-Hamis 18 ta' Marzu 2010 Doc 'A 1.01. para 2. (Dok 1)

Nixtieq nirregistra fil-minuti li minhabba li s-Segretarju Ezekuttiv ghamel perijodu indispost peress li kien ma jiflahx fit-tul, kemm il-Laqgha Annwali tal-Kunsill kif ukoll il-laqgha li kien imiss tal-Kunsill kellhom jigu differiti.
Id-direttur tal-Kunsilli Lokali kien infurmat b'dan u fuq struzzjonijiet tieghu dawn iz-zewg laqghat kellhom isiru wara li s-Segretarju Ezekuttiv jidhol lura ghax-xoghol, kif fil fatt sar.